**17 ta' Jannar, 1996**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - A/President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dottor Carmelo Vella *et*

*versus*

Is-Segretarju tad-Djar, illum Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali *et*

## Ritrattazzjoni - Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi - Rikuża ta' Mħallfin

*L-Istitut tar-ritrattazzjoni jinsab fil-liġi ttutelat mhux biex il-partijiet jottjenu d-dritt ta' appell addizzjonali fejn il-liġi ma tipprevedihiex, iżda biex ikun hemm rimedju meta jirrikorru wieħed jew aktar miċ-ċirkostanzi li hemm speċifikatament indikati fl-artikolu 811 tal-Kap. 12. Sfortunatament jidher li minn meta ġie deċiż minn din il-Qorti illi f'ċerti ċirkostanzi fejn ikun hemm allegazzjoni ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi huwa xieraq li ma jkunux l-istess Imħallfin - komponenti l-Qorti li tkun tat is-sentenza - li jisimgħu ukoll ir-ritrattazzjoni, daħlet moda illi jiġu intavolati petizzjonijiet ta' ritrattazzjoni fuq allegazzjoni ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, meta effettivament, anke* prima facie, *ikun jidher ċar illi ma jkun hemm ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi, iżda biss argument kamuffat b'mod sottili biex tintalab ritrattazzjoni meta l-liġi ma tagħtihiex, u biex ir-ritrattazzjoni tiġi deċiża minn komposizzjoni differenti ta' Qorti u hekk jiġu elużi dak kollu li hemm premess fil-liġi.*

*Din il-Qorti diġa' kellha okkażjoni tesprimi ruħha f'dan ir-rigward u tgħid li mhix pronta li tiftaħ bibien biex f'lok tiġi osservata l-liġi, tinħoloq opportunita' mhix ikkontemplata fl-istess liġi ta' istanza ġdida ta' appell li tirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell regolarment kostitwita, fuq is-sempliċi pretest, anke* prima facie *infondat, li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi. Dan huwa abbuż li din il-Qorti mhijiex sejra tittollerah.*

*Minħabba f'hekk huwa evidenti ukoll u issa ormai hemm diversi sentenzi f'dan is-sens, illi biex jinqatgħu dawn l-abbużi u biex anke l-liġi tiġi osservata* ad litteram *qabel ma l-Qorti tiddeċidi fuq kwalunkwe kwistjoni ta' rikuża, tara jekk* prima facie, *l-allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi fl-ewwel lok teżistix fil-korp tal-petizzjoni u t-tienti jekk hijiex* prima facie *sostenibbli jew jekk hiex merament skuża*

*biex ir-ritrattazzjoni tinstema' minn tlett Imhallfin jew minn Imhallfin differenti minn dawk li regolarment jikkostitwixxu l-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Qorti:-

Din hija kawża ta' ritrattazzjoni in segwitu għal sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-30 ta' Diċembru, 1993, fil-kawża fuq imsemmija;

Il-kawża ritrattata taqra hekk:

*Omissis*;

Il-konvenuti Leonard Muscat u Leonard Calleja (oriġinarjament Remiġ Sacco minflok Leonard Calleja) permezz tal-petizzjoni ta' ritrattazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Marzu, 1994, kienu talbu li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tikkanċella s-sentenza tagħha msemmija u tordna li l-kawża tiġi ritrattata;

*Omissis*;

Skond il-petizzjoni ta' ritrattazzjoni, l-argumenti in sostenn ta' l-aggravju tar-ritrattanti huma s-segwenti:

*Omissis*;

Minħabba illi kif redatt il-petizzjoni ta' l-appell ma ssegwix dak illi ormai hu stabbilit fil-liġi u fil-ġurisprudenza fil-każijiet ta' ritrattazzjoni, din il-Qorti mill-ewwel talbet lir-ritrattanti biex jindikaw fuq liema bażi legali kienu qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom għar-ritrattazzjoni, ċjoe' taħt liema parti mill-artikolu 811

tal-Kap. 12 kienu qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom. Meta effettivament ir-ritrattanti indikaw lill-Qorti illi, skond huma, fis-sentenza li huma riedu jirritrattaw kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi u allura kienu qegħdin jinvokaw l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12, ġew mitlubin ukoll jindikaw liema artikolu tal-liġi ġie applikat ħażin u skond huma liema artikolu kellu jiġi applikat;

Dana għaliex, bejn applikazzjoni ħażina tal-liġi u interpretazzjoni ħażina tal-liġi hemm baħar jaqsam, u l-ġurisprudenza tagħna, in materja ta' ritrattazjoni dejjem kienet fis-sens illi l-interpretazzjoni ħażina tal-liġi mill-Qorti f'sentenza tagħha ma tintitolax lill-partijiet jitolbu ritrattazzjoni, iżda hija biss l-applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-liġi bi żball, ċjoe' applikazzjoni ħażina ta' disposizzjoni tal-liġi mentri kellha tkun applikata disposizzjoni oħra, illi jagħti d-dritt għal ritrattazzjoni;

Permezz ta' nota pprezentata fit-12 ta' Diċembru, 1994 ir-ritrattanti indikaw lill-Qorti li meta huma sostnew li dina l-Qorti kienet għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi, kienu qed jirreferu għall-artikolu 3 tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti baqgħet tinsisti magħhom ukoll li jgħidu liema disposizzjoni tal-liġi kellha tiġi applikata minflok. Huma indikaw li kienu qegħdin jitolbu r-ritrattazzjoni anke a bażi ta' dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 816 tal-Kap. 12 u dawn baqgħu jinsistu li mhux dover tagħhom li jindikaw lill-Qorti liema artikolu kellu jiġi applikat minflok;

Eventwalment, wara aktar minn sena differimenti, ir-ritrattanti waslu biex iddikjaraw, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ipprezentata fil-11 ta' Diċembru, 1995 illi l-artikolu li kellha tapplika

din il-Qorti kien l-artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti ser tikkummenta fuq wieħed mill-paragrafi kkontenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet li għaliha għadha kemm saret referenza, peress li mhux biss tħossha urtata f'dak li hemm kontenut fih, iżda anke għaliex hemm bżonn jiġu ċċarati l-fatti għall-futur. Dana għaliex l-istitut tar-ritrattazzjoni jinsab fil-liġi tutelat mhux biex il-partijiet jottjenu d-dritt ta' appell addizzjonali fejn il-liġi ma tipprevedihx, iżda biex ikun hemm rimedju meta jirrikorru wieħed jew aktar miċ-ċirkostanzi li hemm speċifikatament indikati fl-artikolu 811 tal-Kap. 12. Sfortunatament jidher li minn meta ġie deċiż minn din il-Qorti illi f'ċerti ċirkostanzi fejn ikun hemm allegazzjoni ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, huwa xieraq li ma jkunux l-istess Imħallfin - komponenti l-Qorti li tkun tat is-sentenza - li jisimgħu ukoll ir-ritrattazzjoni, daħlet moda illi jiġu intavolati petizzjonijiet ta' ritrattazzjoni fuq allegazzjoni ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, meta effettivament, anke *prima facie*, ikun jidher ċar illi ma jkun hemm ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi, iżda biss argument kamuffat b'mod sottili biex tintalab ritrattazzjoni meta l-liġi ma tagħtihiex u biex ir-ritrattazzjoni tiġi deċiża minn komposizzjoni differenti ta' Qorti u hekk jiġi eluż dak kollu li hemm premess fil-liġi.

Din il-Qorti diġa' kellha okkażjoni tesprimi ruħha f'dan ir-rigward u tgħid li mhix pronta li tiftaħ bibien biex flok tiġi osservata l-liġi, tinħoloq opportunita' mhix ikkontemplata fl-istess liġi ta' istanza ġdida ta' l-appell regolarment kostitwita fuq is-sempliċi pretest, anke *prima facie* infondat, li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi. Dan huwa abbuż li din il-Qorti mhijiex sejra

tittollerah;

Minhabba f'hekk huwa evidenti ukoll u issa ormai hemm diversi sentenzi f'dan is-sens, illi biex jinqatghu dawn l-abbużi u biex anke l-liġi tiġi osservata *ad litteram*, qabel ma l-Qorti tiddeċidi fuq kwalunkwe kwistjoni ta' rikuża, tara jekk *prima facie*, l-allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi, fl-ewwel lok teżistix fil-korp tal-petizzjoni u t-tieni, jekk hijiex *prima facie* sostenibbli jew jekk hiex merament skuża biex ir-ritrattazzjoni tinstema' minn tlett Imħallfin jew minn Imħallfin differenti minn dawk li regolarment jikkostitwixxu l-Qorti ta' l-Appell;

F'din il-kawża sar proprju dan u din il-Qorti, kif ingħad, b'deċiżjoni preċedenti kienet iddeċidiet li mhux il-każ li ssir astensjoni ta' ebda wieħed mill-membri tagħha. Ir-ritrattanti pero' dehrilhom li hu l-każ li jgħidu illi biex din il-Qorti ddeċidiet dwar il-kwistjoni ta' rikuża o meno, daħlet fil-meritu sħiħ tar-ritrattazzjoni u in effetti, bid-deċiżjoni tagħha, ġa' wieħed jippreżumi x'se tkun id-deċiżjoni fil-meritu stess;

Din hija affermazzjoni inġusta ma' din il-Qorti, għaliex id-deċiżjoni tat-13 ta' Marzu, 1995 li tikkonsisti f'appena paġna, eżaminat biss jekk *prima facie* mill-petizzjoni tar-ritrattazjoni kienx hemm indikazzjoni espressa ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi li timmerita li tista' talvolta tifforma l-bażi serja għal ritrattazzjoni u kienet waslet għall-konklużjoni li mhux biss fil-petizzjoni ta' ritrattazzjoni ma kienx hemm indikazzjoni ta' liema disposizzjoni ġiet applikata bi żball minn din il-Qorti, iżda anqas ma kien hemm indikazzjoni ta' liema disposizzjoni ta' liġi kellha tiġi applikata. Dan juri kemm hu fil-fatt inġust il-kumment tar-ritrattanti, li effettivament qed jiġi deplorat;

Kwantu għal ritrattazzjoni proprja jiġi osservat li llum dak li kien evidentement nieqes fil-petizzjoni tar-ritrattazzjoni, li kif kien ingħad lanqas biss kienet issemmi taħt liema parti mil-liġi rigwardanti r-ritrattazzjoni qed tiġi intavolata, ġie b'xi mod mimli bin-noti ta' sottomissjonijiet tar-ritrattanti, partikolarment dik tat-28 ta' Diċembru, 1995 u l-oħra ta' qabilha, tad-19 ta' April, 1994;

Fl-ewwel lok jingħad li r-ritrattanti tilfu sena żmien isostnu li bil-liġi mhumiex obbligati li jgħidu liema artikolu tal-liġi jmissu ġie applikat minflok din il-Qorti u prattikament irrifjutaw li jindikaw dan, mentri l-artikolu 816 tal-Kap. 12, li eventwalment anke huma għamlu referenza għaliha, jgħid ċar li meta r-raġuni għar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata;

Eventwalment huma ċċaraw it-teżi tagħhom b'dan il-mod, fis-sens li qed jgħidu illi din il-Qorti, taħt l-artikolu 742 tal-Kap. 12, ma kellha ebda awtorita' illi tissindika d-deċiżjoni tas-Segretarju responsabbli mill-ħruġ tar-*requisition*, una volta li huwa jkun iddikjara li r-*requisition* ikun ħariġha fl-interess pubbliku. Jiġifieri qegħdin isostnu illi meta din il-Qorti fis-sentenza tagħha li jridu jirrittrattaw iddeċidiet ir-rekwiżizzjoni ta' fond għall-użu ta' Każin tal-Banda ma jistax jingħad li huwa fl-interess pubbliku, hija ħarġet mil-limiti tagħha u applikat b'dan il-mod ħażin l-artikolu 31 tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta;

Apparti l-fatt li l-artikolu 742 illum tbiddel u ċertament kif inhu ma jħallix dubbju jekk dawn il-Qrati għandhomx dritt jissindikaw deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-persuna responsabbli għall-ħruġ ta' rekwiżizzjonijiet, jingħad ukoll li fil-fehma tagħha, dan kien ċar ukoll biżżejjed taħt l-artikolu 742 tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif kien fiż-żmien tal-ħruġ ta' din ir-rekwiżizzjoni. Infatti, jekk dak l-artikolu, fil-*proviso* tat-tieni sub-inċiż tiegħu jgħid illi għemil jew ħaġa li tkun fil-limitu tas-setgħet ġenerali jew speċjali ta' persuna jew awtorita` m'għandhiex titqies li hi *ultra vires* kemm-il darba l-għemil jew il-ħaġa ma tkunx b'mod ċar u espliċitu projbit, jew eskluża b'liġi miktuba, bla dubbju ta' xejn kien jagħti l-poter lill-Qorti li jekk f'każ ta' rekwiżizzjoni allegatament maħruġa fl-interess pubbliku, il-Qorti tindaga jekk almenu kienx ċar dan il-pretest jew le. Din il-posizzjoni legali qatt ma ġiet dubitata la qabel ma kien ġie emendat l-artikolu 742 fl-1981 u anqas wara. Wieħed m'għandux iħallat uħud mir-restrizzjonijiet li kienu ġew introdotti f'dan l-artikolu fl-1981 mal-prinċipju li baqa' dejjem assolut u ċjoe` li din il-Qorti għandha tissindika jekk deċiżjoni meħuda mill-esekuttiv tkunx saret *ultra vires* jew le. F'dan il-każ huwa ovvju li l-esekuttiv li kellu d-dritt li joħroġ *requisition order* fl-interess pubbliku, ma kellux dritt li joħroġha jekk dak l-interess pubbiku ma kienx jeżisti u l-uniku mezz ta' kontroll kienu u baqgħu dawn il-Qrati;

Effettivament għalhekk, minn eżami tas-sentenza li r-ritrattanti qed jippruvaw jimpunjaw u s-sottomissjonijiet li huma għamlu, ma jidhirx li hu il-każ li jista' jingħad li din il-Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi kif qegħdin isostnu huma. Għalhekk it-talba għar-ritrattazzjoni kif proposta qed tiġi miċħuda, bl-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku tar-ritrattanti.